MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Numru. 361/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs.**

**Jerken Decelis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jerken Decelis, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 12884M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-13 ta' Novembru, 2004 u erba' xhur qabel, gewwa Hal Tarxien u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

a) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri u li m'humiex kontestati bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija waqqfu l-vettura li fiha kien riekeb l-imputat bhala passiggier, u kif marru fuqu rawh jipprova jitfa xi haga wara s-seat, fejn sabu borza b'erba' u hamsin (54) pillola allegatament ecstacy.
2. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li dawn il-pilloli kienu tieghu. Hu ammetta wkoll li meta jitla' l-parties jiehu seba' (7) pilloli kull party.
3. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal ukoll li kien ilu xi sena ma jahdem u lanqas kien jircievi *relief*.
4. L-imputat cahad li qatt biegh pilloli ecstacy.
5. Fir-relazzjoni tieghu, l-Espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:[1]

   *"Ghaldaqstant, mir-rizultanzi miksuba l-Esponent, l-Ispizjar Forensiku Mario Mifsud, jista' jikkonkludi:*

   *(a) li fl-erbatax il-pillola ta' lewn abjad, li kien hemm fid-dokument 775/06/01, instabet fihom is-sustanza 3,4 Methylenedioxymethamphetamine (MDMA);*

   *(b) Li fl-erbghin pillola lewn roza, li kien hemm fid-dokument 775/06/01, instabet fihom is-sustanza 3,4 Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). Is-sustanza MDMA, li hija central stimulant, hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta."*

   Fix-xhieda tieghu, l-Espert Spizjar Mario Mifsud qal li s-sustanza *3,4 Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)* tinsab fil-pilloli tal-ecstacy u li b'kollox kien hemm 54 pillola tal-ecstacy.[2]

L-imputat mhux jikkontesta li hu kellu fil-pussess tieghu l-erba' u hamsin (54) pillola ecstacy. Pero huwa qed jghid li dawk il-pilloli kienu kollha intizi ghall-uzu personali tieghu, u ghalhekk qed jikkontesta l-imputazzjoni ta' pussess aggravat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] irriteniet illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

---

[1] Ara relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud ezebita bhala Dok MM a fol. 21 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-Espert Spizjar Mario Mifsud a fol. 19 tal-process.
[3] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

In oltre, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[4] osservat li kawzi li jikkoncernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat: *"... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" (2.9.1999)."*

Fil-kaz odjern, l-imputat kellu fil-pussess tieghu 54 pillola ecstacy. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li huwa jabbuza minnhom meta jmur il-parties u kien juza circa 7 pilloli kull party.

Il-Qorti tibda biex tosserva li fl-istqarrija tieghu stess, l-imputat jghid li kien ilu erba' (4) xhur biss jabbuza mid-droga ecstacy meta jmur il-parties, u lanqas ta indikazzjoni tal-frekwenza li biha kien imur il-parties. Ghalhekk ma jistghax jinghad li hemm prova – anqas fuq bazi ta' probabbilita - li fi zmien erba' (4) xhur l-imputat kien sar xi *heavy user* tad-droga ecstacy, kif l-imputat pinga lilu nnifsu.

Issa kif huwa notorju fil-qasam tad-droga, id-doza ta' ecstacy ghal serata wahda hija ta' zewg (2) pilloli – massimu ta' tlieta (3). Fil-fatt, skont l-Artikolu 4 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta), il-pussess tal-ecstacy huwa ikkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ikun ta' massimu ta' zewg (2) pilloli ecstacy.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma ssibx ix-xhieda tal-imputat kredibbli meta jghid li kien jikkonsma 7 pilloli f'lejl wiehed. Jekk wiehed jaghti l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, u jikkalkula li kien jiehu tlett (3) pilloli kull party, dan ifisser li kellu bizzejjed pilloli biex iservuh ghall-inqas ghal tmintax (18)-il party. Mhux verosimili li persuna tixtri tant pilloli ecstacy bil-quddiem. Il-verzjoni tal-imputat hija iktar u iktar mhux kredibbli meta wiehed jikkunsidra li l-imputat stess ammetta fl-istqarrija tieghu li

[4] Per Imhallef Joseph Galea Debono.

hu kien ilu sena ma jahdem u lanqas kien jircievi *relief.* L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' minn fejn kien gab il-finanzi biex jixtri daqstant droga minn qabel ghal parties.

Inoltre, il-Qorti tosserva li l-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn huwa kien qed igorr l-istock kollu tad-droga ecstacy li kellu fuqu. Li kieku kieku instabu fuqu zewg (2) jew tlett (3) pilloli fuq l-imputat, il-Qorti kienet tkun lesta li taccetta li dawn il-pilloli kienu probbabilment intizi ghall-uzu personali tieghu. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li kien jikkonsma seba' (7) pilloli f'party – u din il-Qorti diga qalet li ma ssibx din l-asserzjoni veritiera. Pero, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jaccetta din l-asserzjoni tal-imputat, l-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn instabu 54 pillola fuqu, cioe sitt (6) dozi aktar (54 divizi b' 7), milli skont il-verzjoni tieghu stess, hu kien jikkonsma f'party wiehed.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-erba' u hamsin (54) pillola ecstacy misjuba fil-pussess tal-imputat, ma kinietx kollha intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-ammont ta' erba' u hamsin (54) pillola ecstacy huwa wiehed gholi, u jekk wiehed jikkonsidra li anke skont il-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, pussess ghall-uzu personali m'ghandux jeccedi zewg pilloli ecstacy, dan ifisser li l-imputat kellu 27 dosa ta' ecstacy (54 divizi bi 2).

Ghalkemm meta gie arrestat, l-imputat kellu fedina penali netta, fil-fedina aggiornata tieghu l-imputat ghandu tlett kundanni, wahda ta' pussess semplici tad-droga kokajina u droga ohra regolata mill-Kapitolu 31, kundanna ohra ghal traffikar tad-droga ecstacy u pussess tad-droga kokajina, u kundanna ghal ksur tal-ligijiet dwar gestjoni ta' bar.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), u 120A(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal tlett snin (3) prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett elf Euro (€3,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' hames mija u tmintax-il Euro u tnejn u tmenin centezmu (€518.82)– ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u ghoxrin Lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm222.73) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------